KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI SHARPSTON
ippreżentati fi 15 ta' Lulju 2010 [1]

1. Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern għal servizzi ta' kura tas-saħħa [2] kienu kontroversjali. Spiss iqajmu kwistjonijiet ta' importanza kostituzzjonali u sostantiva. Huma juru l-effetti potenzjalment dannużi fuq id-diversi sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali kkawżati mid-deċiżjoni li s-servizzi essenzjali u organizzati b'mod pubbliku jiġu inklużi taħt id-dispożizzjonijiet tal-libertà tal-moviment fl-Unjoni Ewropea [3].

2. Dawn il-proċeduri dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma humiex eċċezzjoni. Fl-ewwel ilment tagħha kontra Franza l-Kummissjoni tallega nuqqas ta' osservanza tal-obbligi taħt l-Artikolu 49 KE [4] minħabba l-fatt li r-rimbors għal servizzi mediċi provduti barra l-ambjent ta' sptar li jirrikjedu l-użu ta' tagħmir mediku ta' importanza ewlenija [5] hu suġġett għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel. It-tieni lment jallega li l-awtoritajiet Franċiżi naqsu milli jintroduċu leġiżlazzjoni speċifika li tagħti lil pazjent assigurat taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Franċiża rimbors supplimentari fiċ-ċirkustanzi stabbiliti fil-paragrafu 53 tas-sentenza Vanbraekel *et* ("Vanbraekel"). [6]

3. Is-sentenza Vanbraekel kienet dwar il-bażi għall-kalkolu tal-ammont li għandu jiġi rimborsat lil pazjent assigurat taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Belġjana li kien irċieva kura medika fi sptar fi Franza. Il-kwistjoni kienet dwar jekk pazjent għandux jiġi rimborsat mill-fond tal-assigurazzjoni Belġjan skont l-ammont li kien jiġi rimborsat taħt il-leġiżlazzjoni Franċiża (FRF 38 608,99) jew il-livell ta' rimbors taħt il-leġiżlazzjoni Belġjana (FRF 49 935,44) [7]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li peress li l-Artikolu 22

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-28 ta' April 1998, Decker (C-120/95, Ġabra, p. I-1831 [moviment liberu tal-prodotti mediċinali]) u tat-28 ta April 1998, Kohll (C-158/96, Ġabra, p. 1931 [libertà li jiġu pprovduti servizzi]).

3 — Ara V.G. Hatzopoulos, "Killing National Health and insurance systems but healing patients? The European Market for health care services after the judgments of the ECJ in Vanbraekel and Peerbooms", *Common Market Law Review* 2002, p. 683 u C. Nedwick, "Citizenship, free movement and health care: cementing individual rights by corroding social solidarity", *Common Market Law Review* 2006, p. 1645.

4 — Li sar l-Artikolu 56 TFEU.

5 — L-espressjoni Franċiża użata fid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni hi "équipements matériels lourds". Jien se nuża l-espressjoni "tagħmir mediku ta' importanza ewlenija" f'dawn il-Konklużjonijiet biex nesprimi dak il-kunċett.

6 — Sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Vanbraekel *et* (C-368/98,Ġabra p. I-5363).

7 — Madwar EUR 6 000 u EUR 7 680 rispettivament.

tar-Regolament Nru 1408/71 [8] ma kienx jirregola din il-kwistjoni, il-kwistjoni għandha tiġi kkunsidrata taħt l-Artikolu 49 KE [9]. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li d-dritt nazzjonali ma kienx jiggarantixxi dritt ta' rimbors supplimentari kien jikkostitwixxi restrizzjoni mhux ġustifikata fuq il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi [10] u stabbilixxiet, fil-paragrafu 53 tas-sentenza tagħha, iċ-ċirkustanzi li fihom il-pazjenti huma eliġibbli għal dan ir-rimbors supplimentari [11].

fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat tal-Komunità li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi."

5. L-Artikolu 55 KE japplika d-deroga tas-saħħa pubblika mil-libertà tal-istabbiliment li hemm fl-Artikolu 46 KE għall-provvista ta' servizzi taħt l-Artikolu 49 KE.

Id-dritt tal-Komunità

Artikolu 49 KE

4. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 KE jipprovdi:

"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu provduti servizzi fil-Komunità għandhom jiġu projbiti

Regolament Nru 1408/71

6. Ir-Regolament Nru 1408/71 ("ir-Regolament") ma huwiex direttament involut fil-proċeduri inkwistjoni. Madankollu, hu meħtieġ li wieħed iżommu f'moħħu sabiex jifhem il-kwadru leġiżlattiv tal-UE. Ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura li ħaddiema li jivvjaġġaw fl-UE jibqgħu jirċievu benefiċċji soċjali u tal-kura tas-saħħa (ara b'mod partikolari l-ħames u s-sitt premessi). Ir-Regolament isegwi l-prinċipju li s-sigurtà soċjali tibqa' dominju rriżervat għall-kompetenza tal-Istati Membri. Għaldaqstant ma jikkostitwix miżura ta' armonizzazzjoni, iżda sempliċiment għandu l-għan li jistabbilixxi livell ta' koordinazzjoni billi jipprovdi kif sistemi fundamentalment differenti jistgħu jaħdmu flimkien sabiex jiżguraw benefiċċji soċjali u tal-kura tas-saħħa

8 — Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35). Ir-regolament ġie emendat iżjed tard. Fiż-żmien attwali, l-aħħar bidliet kienu dawk li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 629/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, ĠU 2006 L 114, p. 1 (il-verżjoni konsolidata ġiet ippubblikata fil-ĠU 1997 L 28, p. 1).

9 — Fiż-żmien tas-sentenza Vanbraekel, id-dispożizzjoni rilevanti kienet l-Artikolu 59 tat-Trattat KE.

10 — Sentenza Vanbraekel, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 43 sa 52.

11 — Ara l-punt 43 hawn taħt.

minimi [12]. L-Artikolu 22(1)(ċ) jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel għal kura medika rċevuta barra l-Istat Membru fejn il-pazjent jinsab assigurat (fatt li ma jipprekludix il-pazjent milli joqgħod fuq l-Artikolu 49 KE) [13]. L-Artikolu 36 jistabbilixxi l-proċedura għarrimbors bejn l-istituzzjonijiet tal-Istat fejn il-persuna assigurata tkun affiljata u dawk tal-Istat fejn jiġu pprovduti s-servizzi mediċi.

Il-kuntest ġuridiku nazzjonali

Il-Code de la sécurité sociale

7. Id-Digriet Nru 2005-386 tad-19 ta' April 2005 introduċa l-Artikoli R.332-3 u R.332-4 fil-Code de la sécurité sociale (il-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali Franċiż). Fit-taqsima dwar il-kura medika pprovduta barra Franza, l-Artikolu R.332-3 jgħid: "Il-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa għandhom jirrimborsaw l-ispejjeż tal-kura mogħtija lill-persuni assigurati u lil dawk intitolati għalihom fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat firmatarju tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, taħt l-istess kundizzjonijiet daqs li kieku l-kura kienet ingħatat fi Franza, mingħajr ma l-ammont rimborsat ikun jista' jeċċedi s-somma totali mħallsa mill-persuna assigurata u suġġett għall-aġġustamenti provduti bl-Artikoli R.332-4 sa R.332-6".

8. L-Artikolu R.332-4 jipprovdi:

"Minbarra fil-każ ta' kura mhux mistennija, il-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa ma jistgħux, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, jirrimborsaw l-ispejjeż tal-kura fl-isptar jew il-kura li tirrikjedi l-użu ta' tagħmir mediku ta' importanza ewlenija imsemmi fit-Taqsima II tal-Artikolu R.712-2 tal-Kodiċi dwar is-saħħa pubblika li hu provdut lil persuni assigurati u lil dawk li huma intitolati għal dawn il-fondi fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat firmatarju tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea".

9. L-awtorizzazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu R.332-4 tista' tiġi miċħuda meta tkun tapplika waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: il-kura proposta ma hijiex waħda li tiġi rrimborsata taħt ir-regolamenti applikabbli fi Franza; jew il-kura li hija identika jew ugwalment effettiva tista' tinkiseb mingħajr dewmien żejjed fi Franza, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kundizzjoni tal-pazjent u l-iżvilupp probabbli tal-marda tiegħu. L-Artikolu R.332-4 jistabbilixxi wkoll il-proċess li permezz tiegħu tista' ssir talba għal awtorizzazzjoni minn qabel. Essenzjalment, il-pazjenti huma meħtieġa li japplikaw għall-fond tal-assigurazzjoni tas-saħħa li huma affiljati miegħu; u kwalunkwe

12 — Sentenza tas-6 ta' Marzu 1979, Rossi (100/78, Ġabra p. 831, punt 13.

13 — Sentenza tas-16 ta' Mejju 2006, Watts (C-372/04, Ġabra p. I-4325), punti 46 sa 48.

deċiżjoni li permezz tagħha tiġi miċħuda l-awtorizzazzjoni minn qabel għandha tkun motivata u hija suġġetta għal appell.

Il-Code de la santé publique

10. L-Artikolu L.6121-1 tal-Code de la santé publique (il-Kodiċi dwar is-Saħħa Pubblika Franċiż), fil-verżjoni applikabbli fiż-żmien rilevanti jistabbilixxi l-għanijiet li jirrigwardaw il-kura tas-saħħa pubblika, li jinkludu it-teħid inkunsiderazzjoni tal-bżonn ta' pjan għall-allokazzjoni tar-riżorsi sabiex jiġi żgurat l-aċċess pubbliku għas-servizzi tas-saħħa. L-Artikolu L.6122-1 jgħid: "Proġetti relatati mal-ħolqien ta' kwalunkwe stabbiliment tal-kura tas-saħħa, il-ħolqien, il-konverżjoni u l-amalgamazzjoni ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, inklużi alternattivi għall-ammissjoni fi sptar, u l-installazzjoni ta' [tagħmir mediku ta' importanza ewlenija] jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità tal-isptar reġjonali. Il-lista ta' servizzi tal-kura tas-saħħa u [tagħmir mediku ta' importanza ewlenija] suġġetti għall-awtorizzazzjoni għandha tiġi stabbilita permezz ta' digriet tal-Kunsill tal-Istat".

11. L-Artikolu L.6122-14 jiddefinixxi t-tagħmir li jaqa' taħt l-ambitu tal-lista bħala: "[…] tagħmir mobbli intiż jew għal dijanjożi, kura jew rijabilitazzjoni funzjonali f'każ ta' feriti, mard jew tqala, jew għall-ipproċessar tad-data, li l-użu tiegħu jimponi limiti partikolari f'termini tal-installazzjoni u tat-tħaddim, jew li aktarx iwassal għal numru eċċessiv ta' proċeduri mediċi."

12. Il-lista ta' dan it-tagħmir hi stabbilita fl-Artikolu R.6122-26 (li tikkorrispondi mat-Taqsima II preċedenti tal-Artikolu R.712-2 ta' dak il-kodiċi), li jipprovdi: It-[tagħmir mediku ta' importanza ewlenija] li ġej jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel:

1. Kamera tax-xintillazzjoni li għandha jew li ma għandhiex ditekter tal-koinċidenza tal-emissjoni tal-pożitron, tomografija tal-emissjoni jew kamera tal-pożitron ("skaner PET") [14];

2. Apparat ta' immaġni ta' reżonanza manjetika nukleari jew ta' spettrometrija għal użu kliniku [15];

3. Skaner mediku [16];

14 — Teknika tal-immaġni mediċi nukleari li tipproduċi immaġni 3D jew stampa ta' proċessi funzjonali fil-ġisem.

15 — L-iżjed applikazzjoni magħrufa ta' dan l-apparat (magħruf ukoll bħala apparat tal-immaġni tar-reżonanza manjetika jew skaner MRI) hi li jivviżwalizza l-istruttura interna dettaljata tal-ġisem. Hu b'mod speċjali utli fl-immaġni newroloġiċi, muskuloskeletali, kardjovaskulari u onkoloġiċi.

16 — Apparat li juża r-raġġi-X biex jippermetti l-istudju ta' strutturi anatomiċi.

4. Kamra iperbarika [17];

5. Ċiklotron għal użu mediku [18].

13. L-awtoritajiet Franċiżi ħarġu tliet ċirkulari sabiex jispjegaw il-pożizzjoni fid-dritt nazzjonali dwar ir-rimbors tal-kura medika lil persuni assigurati taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża li jirċievu kura medika fi Stat Membru ieħor jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE") u r-rekwiżit għall-kisba tal-awtorizzazzjoni minn qabel għal kura medika rċevuta barra mill-pajjiż li jinvolvi l-użu ta' apparat mediku tqil [19].

14. Iċ-ċirkulari DSS/DACI/2003/286 tispjega li l-persuni assigurati taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża jistgħu jitolbu r-rimbors supplimentari stabbilit fis-sentenza Vanbraekel.

15. Iċ-ċirkulari DSS/DACI/2005/235 tgħid: "Id-Digriet Nru 2005-386 tad-19 ta' April 2005 dwar il-ħlas għal kura rċevuta barra Franza jikkonkludi l-integrazzjoni fid-dritt nazzjonali tal-ġurisprudenza tal-Komunità relatata mal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi u l-moviment liberu tal-merkanzija fil-qasam tal-kura medika […]". Iċ-ċirkulari tispjega li t-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel ma għandhomx jiġu miċħuda b'mod sistematiku mill-awtoritajiet kompetenti, iżda biss meta jkunu japplikaw il-kundizzjonijiet fl-Artikolu R.332-4 tal-Kodiċi dwar is-sigurtà soċjali [20].

16. Iċ-ċirkulari DSS/DACI/2008/242 tikkonferma li r-rimbors supplimentari msemmi fis-sentenza Vanbraekel għandu jkun disponibbli għal persuni assigurati. Din tosserva li, għalkemm min jipprovdi l-assigurazzjoni għandu japplika l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jeżistu ostakli għall-kalkolu tal-ammont tar-rimbors supplimentari (bħal nuqqas ta' qafas komuni ta' referenza għat-tqabbil tal-ispiża differenti tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri), iżda minkejja dan, tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti biex ikomplu jipproċessaw l-applikazzjonijiet għar-rimbors supplimentari.

17 — Apparat li kien inizijalment użat biex jitratta diżordnijiet sofferti minn għaddasa, bħal mard ikkawżat mid-dekompressjoni. Il-kmamar huma ħafna drabi wżati f'ambjent ta' sptar, iżda jistgħu jintużaw ukoll fid-dar ta' pazjent. Jintużaw fil-kura ta' diversi kundizzjonijiet, bħal paraliżi ċerebrali; u huma rakkomandati wkoll minn xi prattikanti għall-kura taż-żanżin tal-widnejn.

18 — Apparat użat fil-kura tal-kanċer, pereżempju, raġġi tal-Jone minn ċiklotronu jistgħu jintużaw fit-terapija tal-proteini biex jippenetraw il-ġisem u joqtlu t-tumuri filwaqt li jimminimizzaw il-ħsara għal tessuti b'saħħithom tal-madwar.

19 — Ċirkulari DSS/DACI/2003/286 tas-16 ta' Ġunju 2003, ċirkulari DSS/DACI/2005/235 tad-19 ta' Mejju 2005 u ċirkulari DSS/DACI/2008/242 tal-21 ta' Lulju 2008, li mmodifikat iċ-ċirkulari DSS/DACI/2005/235.

20 — Ara l-punt 9 hawn fuq.

Sfond u proċedura prekontenzjuża

17. Fit-18 ta' Ottubru 2006 il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni li fiha għamlet tliet ilmenti. Fid-dawl tat-tweġiba tal-awtoritajiet Franċiżi fl-1 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni kienet sodisfatta li l-leġiżlazzjoni Franċiża kienet tirrikjedi li l-amministrazzjoni tirrikonoxxi formalment li rċiviet talba mill-awtoritajiet tal-isptar ta' Stat Membru ieħor sabiex tikkonferma li kienet ingħatat awtorizzazzjoni minn qabel għall-kura, u għaldaqstant irtirat dan l-ilment.

18. Il-Gvern Franċiż ma kkontestax iż-żewġ ilmenti l-oħra tal-Kummissjoni. Fil-fatt, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li kellhom l-intenzjoni li jemendaw il-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali sabiex jindirizzaw l-ilmenti li jikkonċernaw ir-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni minn qabel għal kura li tinvolvi tagħmir mediku ta' importanza ewlenija u n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni speċifika għall-implementazzjoni tad-deċiżjoni Vanbraekel.

19. Fit-23 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata fir-rigward taż-żewġ ilmenti li jifdal. Fit-tweġiba tagħhom tat-13 ta' Diċembru 2007, l-awtoritajiet Franċiżi reġgħu indikaw li kellhom l-intenzjoni li jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex jikkonformaw mal-opinjoni motivata tal-Kummissjoni. F'ittra oħra tat-28 ta' Lulju 2008, l-awtoritajiet Franċiżi tennew l-intenzjoni tagħhom li jneħħu r-rekwiżit tal-kisba tal-awtorizzazzjoni minn qabel u informaw lill-Kummissjoni bit-test taċ-ċirkulari DSS/DACI/2008/242 li tiċċara l-ħlas tar-rimbors supplimentari.

20. Sadanittant, madankollu, fit-2 ta' Lulju 2008 il-Kummissjoni kienet adottat proposta għal direttiva dwar l-applikazzjoni ta' drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali ("il-proposta tal-Kummissjoni") [21].

21. L-awtoritajiet Franċiżi rrivedew il-pożizzjoni tagħhom fid-dawl ta' dik il-proposta u ddeċiedew li jikkontestaw il-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

22. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors fil-25 ta' Novembru 2008, fejn talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li:

— billi ssuġġettat, skont l-Artikolu R.332-4 tal-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali, għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel, ir-rimbors għal servizzi mediċi rċevuti fi Stat Membru ieħor li huma pprovduti f'ambjent mhux ta' sptar

21 — Fit-8 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill approva abbozz tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali.

u li jirrikjedu l-użu ta' tagħmir mediku ta' importanza ewlenija msemmi fil-parti II tal-Artikolu R.6122-26 tal-Kodiċi dwar is-Saħħa Pubblika; u

— billi naqset milli tipprovdi, fl-Artikolu R.332-4, jew fi kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-dritt Franċiż, għall-possibbiltà li tagħti lil pazjent — assigurat taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Franċiża — rimbors ieħor fiċ-ċirkustanzi stabbiliti fil-paragrafu 53 tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2001 fis-sentenza C-368/98 Vanbraekel,

ir-Repubblika Franċiża naqset milli tosserva l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 KE; u

— tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż.

23. Il-Kummissjoni, Franza, il-Gvern Spanjol u l-Gvern tar-Renju Unit għamlu sottomissjonijiet orali fis-seduta tat-2 ta' Marzu. Il-Gvern Finlandiż għamel osservazzjonijiet bil-miktub, iżda ma ppreżentax argument orali lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Evalwazzjoni

Osservazzjonijiet preliminari

24. Se nibda billi nikkunsidra s-sottomissjoni tal-awtoritajiet Franċiżi li l-bidla fl-approċċ tagħhom ma għandhiex implikazzjonijiet proċedurali fuq ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Se neżamina wkoll fil-qosor il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-oneru tal-prova fi proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

25. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-iżvolġiment xieraq tal-proċedura prekontenzjuża hu garanzija essenzjali meħtieġa mit-Trattat sabiex jipproteġi d-drittijiet tal-Istat Membru kkonċernat u sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe proċedura kontenzjuża għandu jkollha tilwima definita b'mod ċar bħala s-suġġett tagħha [22]. Ladarba s-suġġett ġie definit, l-Istat Membru għandu d-dritt li jinvoka l-mezzi kollha disponibbli għalih sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda regola ta' proċedura li tirrikjedi li Stat Membru jressaq l-argumenti kollha għad-difiża tiegħu waqt il-fażi prekontenzjuża ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

22 — Sentenzi tas-16 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-414/97, Ġabra p. I-5585, punt 19), tal-15 ta' Frar 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-34/04 Ġabra p. I-1387, punt 49) u tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Litwanja (C-274/07, Ġabra p. I-7117, punt 21).

26. L-ilmenti tal-Kummissjoni huma stabbiliti b'mod ċar fil-proċedura prekontenzjuża. Qatt ma kien hemm l-ebda ambigwità jew inċertezza fil-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, Franza ma sofriet l-ebda ħsara b'konsegwenza tal-mod li fih evolvew l-affarijiet. Bl-istess mod, peress li dawn ir-regoli jeżistu sabiex jipproteġu l-Istat Membru konvenut (mhux il-Kummissjoni), ma hemm xejn li jżomm lil Franza milli tibdel il-pożizzjoni tagħha.

27. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru konvenut fi proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma hijiex l-istess. B'mod partikolari, ir-regola li l-Kummissjoni ma tistax tintroduċi lmenti ġodda fil-fażi prekontenzjuża ma tapplikax *mutatis mutandis* għall-Istat Membru meta jiġi għad-difiża tiegħu [23].

28. Għaldaqstant, naqbel mal-awtoritajiet Franċiżi li ma hemm l-ebda regola ta' proċedura li żżommhom lura milli jiddefendu ruħhom fir-rikors u milli jikkontestaw iż-żewġ ilmenti tal-Kummissjoni.

23 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punti 18 u 19.

29. Fir-rigward tal-oneru tal-prova, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta b'mod ċar li, il-Kummissjoni għandha ġġib prova tal-allegazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu inkwistjoni u tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tiddeċiedi din il-kwistjoni [24].

30. Għaldaqstant, f'dan il-każ, hija l-Kummissjoni li għandha tipprova li miżura nazzjonali partikolari (fir-rigward tal-ewwel ilment), jew in-nuqqas ta' miżura nazzjonali partikolari (fir-rigward tat-tieni lment) jikkostitwixxu ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont it-tifsira tal-Artikolu 49 KE [25].

Fuq il-mertu tal-kawża

31. Se nitratta qabel kollox it-tieni lment tal-Kummissjoni (l-implementazzjoni tad-deċiżjoni fis-sentenza Vanbraekel), qabel ma ndur biex nikkunsidra r-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel għal servizzi mediċi mhux fi sptar mogħtija fi Stat Membru ieħor li jirrikjedu l-użu ta' tagħmir mediku ta' importanza ewlenija.

24 — Sentenzi tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-159/94, Ġabra p. I-5815, punt 102); tal-14 ta' Diċembru 2000, Il-Kummissjoni vs Franza, (C-55/99, Ġabra p. I-11499, punt 30) u tas-6 ta' Novembru 2003, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-434/01, Ġabra p. I-13239, punt 21). Iżjed reċentament, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-532/03, Ġabra p. I-11353, punt 29).

25 — Ara s-sentenza tat-13 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-507/03, Ġabra p. I-9777, punti 33 sa 35).

It-tieni lment — implementazzjoni tad-deċiżjoni f'Vanbraekel

32. Fil-kuntest tat-tieni lment tal-Kummissjoni, għandhom jiġu evalwati żewġ kwistjonijiet separati. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ssodisfat l-oneru tal-prova tagħha fil-proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u wriet li n-nuqqas ta' miżura nazzjonali partikolari jikkostitwixxi ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi garantita mill-Artikolu 49 KE? It-tieni nett, anki jekk ma hemmx provi attwali ta' dan l-ostaklu, Stat Membru xorta waħda għandu jieħu l-pass pożittiv li jintroduċi leġiżlazzjoni speċifika sabiex jikkonforma ma' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinvolvi l-interpretazzjoni ta' artikolu tat-Trattat direttament effettiv?

33. Il-punt tat-tluq għall-kunsiderazzjoni taż-żewġ kwistjonijiet jista' jiġi deskritt b'mod relattivament sempliċi. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li ma hemmx differenza bejn l-opinjoni tagħha u dik ta' Franza dwar l-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza Vanbraekel u l-ħlas tar-rimbors supplimentari. Il-Kummissjoni taċċetta li ċ-ċirkulari DSS/DACI/2008/242 tirrifletti b'mod korrett dik l-interpretazzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda dispożizzjoni leġiżlattiva fi Franza li tipprevjeni l-ħlas tar-rimbors supplimentari.

34. Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet Franċiżi jammettu apertament li ma introduċewx leġiżlazzjoni li tapplika s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vanbraekel. Huma jibbażaw ruħhom fuq iċ-ċirkulari amministrattivi DSS/DACI/2005/235 u DSS/DACI/2008/242, flimkien mal-fatt li l-individwi jistgħu joqogħdu fuq id-drittijiet effettivi b'mod dirett tagħhom taħt l-Artikolu 49 KE.

35. Il-Kummissjoni ma ssuġġerietx li teżisti prassi amministrattiva persistenti li permezz tagħha l-ħlas tar-rimbors supplimentari ma jiġix implementat mill-awtoritajiet Franċiżi. Il-Kummissjoni lanqas ma pprovdiet prova ta' każijiet speċifiċi fejn il-ħlas tar-rimbors supplimentari ġie miċħud mill-awtoritajiet Franċiżi u għaldaqstant, fil-prattika, is-sentenza Vanbraekel ma ġietx applikata. Ma hemm l-ebda materjal f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja li jindika li l-pazjenti assigurati taħt is-sistema Franċiża ġew skoraġġati milli jfittxu kura medika fi Stati Membri oħra jew fiż-ŻEE, għax jistgħu ma jirċivux ir-rimbors supplimentari jekk jaqgħu taħt iċ-ċirkustanzi deskritti fis-sentenza Vanbraekel.

36. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, il-Kummissjoni naqset milli turi li n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni speċifika jammonta għal restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 49 KE. Kieku l-unika kwistjoni kienet jekk il-Kummissjoni kinitx issodisfat l-oneru tal-prova fi proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, kont

għaldaqstant nikkonkludi li t-tieni lment tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

37. Madankollu, it-tieni lment tal-Kummissjoni jqajjem ukoll il-kwistjoni ġdida ta' prinċipju dwar jekk Stat Membru għandux jikkonforma ma' deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tat-Trattat KE billi sempliċiment jintroduċi leġiżlazzjoni speċifika li tagħti effett lil tali sentenza.

38. Franza ssostni li l-Artikolu 49 KE hu direttament effettiv u għaldaqstant ma jirrikjedix traspożizzjoni speċifika fid-dritt nazzjonali. Minn dan jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vanbraekel, li kienet tinvolvi l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 KE, għandha l-istess effett legali bħal regolament tal-UE fi ħdan is-sistemi legali tal-Istati Membri. Franza ssostni li l-Artikolu R.332-3 tal-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali jista' jiġi interpretat li jkopri l-ħlas tar-rimbors supplimentari kif previst fis-sentenza Vanbraekel. Għaldaqstant, l-unika miżura meħtieġa kienet l-adozzjoni ta' ċirkulari amministrattivi xierqa li jiċċaraw il-pożizzjoni fil-livell nazzjonali [26]. Franza tirriferi għal tliet każijiet fejn ir-rimbors supplimentari ġie, jew qiegħed fil-proċess li jiġi, imħallas; u tisħaq li l-qrati Franċiżi segwew is-sentenza Vanbraekel billi ddeċiedew li r-rimbors supplimentari għandu jitħallas [27].

39. Il-Kummissjoni ssostni li l-Istati Membri ma jistgħux jinvokaw l-effett dirett meta l-miżuri nazzjonali huma inkompatibbli mal-Artikolu 49 KE. Iċ-ċirkulari adottati minn Franza joħolqu sitwazzjoni ta' ambigwità u inċertezza legali. Il-Kummissjoni tikkonkludi li Franza għandha obbligu pożittiv li tadotta leġiżlazzjoni speċifika sabiex timplementa s-sentenza Vanbraekel fid-dritt nazzjonali.

40. Il-Gvern Spanjol jappoġġja lil Franza. Huwa jsostni li deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex l-istess bħal direttiva u li Stat Membru jista' jagħti effett lil sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja b'mezzi oħra minbarra bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni speċifika.

41. Ma naqbilx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni.

42. Hija ġursprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li ċerti artikoli tat-Trattat huma biżżejjed ċari, preċiżi u mingħajr kundizzjonijiet sabiex jiġu invokati quddiem il-qrati nazzjonali minn persuna naturali jew ġuridika mingħajr

26 — L-awtoritajiet Franċiżi jirreferu għaċ-ċirkulari msemmija fil-punti 14 sa 16 iktar 'il fuq.

27 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni (Franza) (Awla Soċjali), tat-28 ta' Marzu 2002, f'Magnan vs CPAM des Hauts de Seine.

il-bżonn ta' implementazzjoni ta' iktar dispożizzjonijiet — huma direttament effettivi [28]. Dispożizzjoni tat-trattat direttament effettiva għandha dan l-effett bejn l-individwi u l-Istat.

43. Fis-sentenzaVanbraekel il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 49 KE fis-sens li "… jekk il-ħlas lura ta' l-ispejjeż sostnuti għal servizzi mediċi pprovduti fi Stat Membru ospitanti, ikkalkulati skont ir-regoli fis-seħħ f'dan l-Istat, huwa anqas minn dak li kien jirriżulta mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru fejn din il-persuna hija assigurata li kieku ngħatat kura fi sptar f'dak l-Istat, għandha tingħata mill-istituzzjoni kompetenti lill-persuna assigurata rifużjoni supplimentari li tkopri dik id-differenza" [29].

44. Fil-fehma tiegħi ma hemm l-ebda dubju li l-Artikolu 49 KE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vanbraekel, jagħti drittijiet direttament effettivi fuq l-individwi, li jintitolawhom għal rimbors supplimentari tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa.

45. Hu ċar li hemm ċirkustanzi fejn, wara deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri għandhom jaġixxu sabiex jemendaw jew iħassru l-miżuri nazzjonali eżistenti li ma humiex kompatibbli mal-dritt tal-UE sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom taħt it-Trattati. Jiġuni f'moħħi tliet eżempji speċifiċi.

46. L-ewwel nett, jista' jkun li Stat Membru oriġinarjament ma jkunx fehem il-limiti tal-obbligi tiegħu taħt direttiva u b'konsegwenza ta' dan, jista' jkun implementa din id-direttiva b'mod skorrett. Wara deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (sew jekk f'azzjoni diretta jew f'referenza għal deċiżjoni preliminari), l-Istat Membru kkonċernat jista' jkollu jadotta leġiżlazzjoni sabiex jikkoreġi dik il-pożizzjoni [30].

47. It-tieni nett, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni jista' jkollha element pożittiv li jikkontradixxi artikolu tat-Trattat direttament effettiv. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Istat Membru jkollu jadotta leġiżlazzjoni li permezz tagħha jneħħi l-kontradizzjoni u jagħti effett lid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [31].

28 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 1968, Salgoli (13/68, Ġabra p. 453 [Artikolu 28 KE, moviment liberu tal-merkanzija]); tal-4 ta' Diċembru 1974, Van Duyn (41/74, Ġabra p. 1337 [Artikolu 39 KE, moviment liberu tal-ħaddiema]; tal-21 ta' Ġunju 1974, Reyners (2/74, Ġabra p. 631 [Artikolu 43 KE, [libertà ta' stabbiliment] u tat-3 ta' Diċembru 1974, van Binsbergen (33/74, Ġabra p. 1299 [Artikolu 49 KE, liberta li jiġu pprovduti servizzi]).

29 — Sentenza Vanbraekel, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 53.

30 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-58/89, Ġabra p. I-4983, punti 13 sa 16), u tat-18 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Franza (C-60/01, Ġabra p. I-5679, punti 25 sa 28).

31 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2000, Il-Kummissjoni vs L-Italja, (C-358/98, Ġabra p. I-1255, punt 17).

48. It-tielet nett, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tista' tkun ambigwa jew mhux ċara u jista' jkun hemm provi li juru li dan ħoloq (jew jirriskja li joħloq) sitwazzjoni ta' inċertezza legali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-pożizzjoni legali tkun teħtieġ kjarifika permezz tal-leġiżlazzjoni [32].

49. Il-pożizzjoni f'din il-kawża ma tikkorrispondi mal-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet esposti hawn fuq. Fis-sentenza Vanbraekel, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni fejn interpretat dispożizzjoni tat-Trattat direttament effettiva. Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni nazzjonali kontradittorja. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ġew notifikati biċ-ċirkustanzi li fihom għandu jingħata r-rimbors supplimentari. Il-provi kif esposti lill-Qorti tal-Ġustizzja jissuġġerixxu li: (a) l-individwi fi Franza huma konxji mid-dritt tagħhom li jitolbu r-rimbors supplimentari; (b) tali talbiet ġew effettivament sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti; u (c), meta talba għal rimbors tiġi miċħuda mill-awtoritajiet kompetenti, hu possibbli li ssir b'suċċess talba f'dan ir-rigward quddiem il-qrati Franċiżi [33].

50. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti kkonstatat li d-dritt tal-individwi li jinvokaw dispożizzjonijiet direttament effettivi tat-Trattati quddiem il-qrati nazzjonali hu biss garanzija minima u ma huwiex biżżejjed fih innifsu li jiżgura l-implementazzjoni sħiħa u kompleta tat-Trattat [34]. Bl-istess mod, ġie stabbilit ukoll li, sabiex jiggarantixxu ċ-ċertezza legali, l-Istati Membri għandhom joħolqu sitwazzjoni legali li hi biżżejjed preċiża, ċara u prevedibbli sabiex tippermetti lill-individwi biex jkunu jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom [35].

51. Nirrikonoxxi lil-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni speċifika tikkostitwixxi mod ta' kif jiġi żgurat li l-obbligi Komunitarji jingħataw effett fil-livell nazzjonali. Dan l-approċċ jista' wkoll jiffaċilita x-xogħol tal-Kummissjoni fis-sorveljanza tal-konformità tal-Istati Membri mad-dritt tal-UE (għalkemm is-sempliċi fatt li teżisti l-leġiżlazzjoni mhux dejjem jiggarantixxi li dritt tal-UE jkun ġie implementat b'mod sħiħ u effettiv). Madankollu, miniex tal-fehma li tali obbligi jistgħu jingħataw effett xieraq *biss* permezz tal-leġiżlazzjoni, f'ċirkustanzi fejn l-obbligu tal-UE inkwistjoni jirriżulta minn dispożizzjoni tat-Trattat direttament effettiva kif interpretata f'sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u meta ma hemm l-ebda

32 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja, (C-129/00, Ġabra p. I-14637, punt 33).

33 — Ara s-sentenza Magnan tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Franza, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27.

34 — Sentenzi tal-15 ta' Ottubru 1986, Il-Kummissjoni vs L-Italja (168/85, Ġabra p. 2945, punti 9 sa 11) tas-26 ta' Frar 1991, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-120/88, Ġabra p. I-621, punt 10), u tas-26 ta' Frar 1991. Il-Kummissjoni vs Spanja (C-119/89, Ġabra p. I-641, punt 9). Ara wkoll is-sentenza tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du Pêcheur SA u Factortame *et* (C-46/93 u C-48/93, Ġabra p. I-1029, punt 20).

35 — Sentenza tat-28 ta' Jannar 2010, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-456/08, Ġabra p. I-859, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

dispożizzjoni legali nazzjonali kunfliġġenti u l-ebda prova li għad fadal sitwazzjoni ta' inċertezza legali li jeħtieġ li tiġi rrimedjata.

52. Għaldaqstant, nikkonkludi li l-awtoritajiet Franċiżi ma humiex obbligati li jintroduċu fid-dritt nazzjonali dispożizzjoni speċifika li teħtieġ li pazjent assigurat taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali Franċiża jingħata rimbors supplimentari fiċ-ċirkustanzi stabbiliti fil-paragrafu 53 tas-sentenza Vanbraekel. Għaldaqstant, it-tieni lment tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

L-ewwel ilment

Ir-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel huwa restrizzjoni taħt l-Artikolu 49 KE?

53. Il-Kummissjoni ssostni li r-rekwiżit fid-dritt Franċiż li għandha tingħata awtorizzazzjoni minn qabel sabiex jinkiseb ir-rimbors għal servizzi mediċi mhux fi sptar li jinvolvu tagħmir mediku ta' importanza ewlenija ipprovdut fi Stat Membru ieħor hu restrizzjoni taħt l-Artikolu 49 KE.

54. Hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li s-servizzi mediċi jaqgħu taħt l-ambitu tal-Artikolu 49 KE [36]. Sa mis-sentenza Luisi u Carbone [37] il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li d-dispożizzjonijiet tat-Tratatt ikopru kemm lil dawk li jirċievu kif ukoll lil dawk li jipprovdu servizzi mediċi u li l-libertà tal-moviment ta' min jirċievi s-servizzi hija korollarju meħtieġ għal-libertà ta' min jipprovdi s-servizz [38]. Iżjed riċentament il-Qorti tal-Ġustizzja qalet b'mod kategoriku li l-attivitajiet mediċi jaqgħu taħt l-ambitu tal-Artikolu 60 KE (li sar l-Artikolu 57 TFEU) u li ma hemmx bżonn li ssir distinzjoni bejn il-kura provduta f'ambjent ta' sptar u l-kura provduta barra dan l-ambjent [39]. Hu ċar ukoll li sistema fejn hi meħtieġa l-awtorizzazzjoni minn qabel sabiex pazjent jikseb rimbors tal-ispiża tal-kura fi sptar fi Stat Membru ieħor mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tiegħu tikkostitwixxi, kemm għall-pazjent ikkonċernat kif ukoll għal min jipprovdi s-servizz, ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi [40].

55. Għaldaqstant, il-kundizzjoni li r-rimbors tal-ispiża tas-servizzi mediċi għal kura mhux fi sptar li tinvolvi tagħmir mediku ta' importanza ewlenija fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE ikun suġġett għal awtorizzazzjoni

36 — Ara s-sentenzi Decker u Kohll iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

37 — Sentenza tal-31 ta' Jannar 1984 (Kawżi Magħquda 286/82 u 26/83, Ġabra p. 377, punt 16).

38 — Ara s-sentenzi tat-2 ta' Frar 1989, Cowan v Trésor Public (186/87, Ġabra p. 195, punt 17) u Kohll, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 29.

39 — Sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Smithsand Peerboms (C-157/99, Ġabra p. I-5473, punt 53), u Watts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punti 86 u 87.

40 — Sentenza Watts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 98.

minn qabel mill-awtoritajiet Franċiżi tikkostiwixxi restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi [41].

Ġustifikazzjoni

56. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat jekk rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel sabiex jiġu pprovduti servizzi mediċi mogħtija fl-infrastruttura ta' sptar ("servizzi mediċi fi sptar") jistax jiġi ġġustifikat [42].

57. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat tliet fatturi fl-evalwazzjoni ta' din id-domanda: l-ewwel nett jekk il-kunsiderazzjonijiet imperattivi fl-interess ġenerali stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja japplikawx u jekk humiex kapaċi li jiġġustifikaw l-ostakoli għal-libertà li jiġu pprovduti dawn is-servizzi; it-tieni nett, jekk tali restrizzjoni taqax taħt id-derogi fuq il-bażi tas-saħħa pubblika taħt l-Artikolu 46 KE u 55 KE; u t-tielet nett, jekk ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel huwiex diskriminatorju.

58. Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li l-ħtieġa ta' protezzjoni mir-riskju li ssir ħsara serja għall-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali hi kunsiderazzjoni imperattiva fl-interess ġenerali li kapaċi tiġġustifika restrizzjoni li tirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel [43].

59. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-għan li jinżamm servizz mediku u fi sptar bilanċjat miftuħ għal kulħadd jista' jaqa' wkoll taħt id-derogi tas-saħħa pubblika fl-Artikoli 46 KE u 55 KE sa fejn dan jikkontribwixxi għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa [44]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-Artikolu 46 KE jippermetti lill-Istati Membri li jirristringu l-libertà ta' provvista ta' servizzi mediċi u ta' sptar sakemm iż-żamma tal-kapaċità tal-kura jew kompetenza medika fuq territorju nazzjonali jkunu essenzjali għas-saħħa pubblika u anki għas-sopravivenza tal-popolazzjoni [45].

60. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li sabiex tkun ġustifikata, sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi mhux diskriminatorji li jkunu magħrufa minn qabel, b'mod li jillimitaw l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, sabiex b'hekk jiġi żgurat li din id-diskrezzjoni ma tintużax b'mod arbitrarju [46]. F'dan il-kuntest, ninterpreta r-referenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għal "kriterji mhux diskriminatorji"

41 — Ara s-sentenza Kohll, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2, punt 35.

42 — Ara s-sentenza Watts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 103 sa 110 u l-ġurisprudenza ċċitata.

43 — Ara Watts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata.

44 — Ara Watts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċittata.

45 — Sentenza Watts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 105, u l-ġurisprudenza ċċittata.

46 — Sentenza Watts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 116.

fis-sens li tfisser kriterji li ma jiddiskriminawx b'mod illegali bejn każijiet komparabbli fejn tintalab l-awtorizzazzjoni minn qabel għal kura fi Stat Membru ieħor. Għalhekk, l-eżiġenza stess li tinkiseb tali awtorizzazzjoni minn qabel għal kura fi Stat Membru ieħor li tinvolvi tagħmir mediku ta' importanza ewlenija tikkostitwixxi restrizzjoni (li forsi ma tapplikax bl-istess mod eżatt fil-każ ta' kura fi Franza). Sabiex l-eżiġenza tkun iġġustifikata, hemm bżonn li s-sistema tal-kuntest li tkun tapplika fih tkun tissodisfa t-test espost iktar 'il fuq (u, *f'dan l-istadju*, kull kriterju invokat għandu jiġi applikat b'mod oġġettiv u mhux diskriminatorju).

61. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għad trid tikkunsidra l-kwistjonijiet ekwivalenti b'rabta ma' servizzi mediċi pprovduti barra ambjent ta' sptar ("servizzi mediċi mhux fi sptar").

62. Il-Kummissjoni ssostni li bħala prinċipju, il-ġustifikazzjoni għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel sabiex jinkiseb ir-rimbors għal servizzi mediċi fi sptar hi intrinsikament marbuta man-natura ta' tali servizzi. Targumenta li minħabba l-fatt li s-servizzi mediċi fi sptar jiswew ħafna flus, hemm bżonn ta' pjan għall-kunsinna tagħhom. Madankollu, servizzi mediċi mhux fi sptar ma għandhomx l-istess karatteristiċi bħal servizzi mediċi fi sptar; għaldaqstant, rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal servizzi mediċi mhux fi sptar ma jistax jiġi ġġustifikat. Il-proposta tal-Kummissjoni tgħid li rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel għandu jkun limitat għal każijiet fejn ikun hemm prova li l-migrazzjoni tal-pazjenti (pereżempju, sabiex jiġu evitati listi ta' stennija) aktarx li se tagħmel ħsara għall-kura tas-saħħa [47].

63. Il-Kummissjoni ma kkontestatx il-kontenut tal-lista tat-tagħmir fl-Artikolu R.6122-26 u ma għamlet l-ebda sottomissjonijiet li jindirizzaw il-kwistjoni ta' jekk l-oġġetti mniżżla għandhomx jitqiesu li huma tagħmir mediku ta' importanza ewlenija.

64. Franza, sostnuta mill-Gvern Finlandiż u l-Gvern tar-Renju Unit, issostni li l-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-awtorizzazzjoni minn qabel għal kura fi sptar hi applikabbli għal servizzi mediċi mhux fi sptar li jinvolvu tagħmir mediku ta' importanza ewlenija. L-akkwist u l-użu ta' dan it-tagħmir jirrikjedu pjan sabiex jiġi żgurat aċċess permanenti u xieraq għal firxa bilanċjata ta' kura tas-saħħa, irrispettivament, minn jekk tingħatax fi sptar jew fi klinika jew anki fil-klinika ta' tabib tal-familja. L-ispejjeż sinjifikanti involuti jfissru li l-kunsiderazzjonijiet inkwistjoni huma bħal dawk applikati għall-ippjanar tal-kura

47 — Ara COM(2008) 414 finali, imsemmi iktar 'il fuq fil-punt 20, punt 7.3 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni, u l-premessa 31 għall-proposta oriġinali tal-Kummissjoni.

fi sptar u li hu essenzjali li tiġi evitata l-ħela tar-riżorsi. Franza tirreferi b'mod partikolari għal skaners PET li, f'dak l-Istat Membru, jistgħu jiġu nstallati ġewwa jew barra sptar [48]. L-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw ukoll li l-Artikolu R.6122-26 tal-Kodiċi dwar is-Saħħa Pubblika fih lista limitata ta' tagħmir li hu suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel. Finalment, Franza tibbaża ruħha fuq il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni [49] tipprovdi (fl-Artikolu 8) li l-kura tas-saħħa li teħtieġ l-użu ta' "infrastruttura medika jew tagħmir mediku speċjalizzati u għoljin ħafna" taqa' taħt id-definizzjoni ta' "kura medika fi sptar".

65. Fil-fehma tiegħi, l-awtorizzazzjoni minn qabel ma hijiex qed tintuża biss f'dan il-każ bħala għodda biex tirregola l-migrazzjoni tal-pazjenti, għalkemm din tista' tkun parti mill-funzjoni tagħha. Minflok, l-għan ewlieni tagħha jidher li hu wieħed li hu fundamentali għall-istrateġija tal-kura tas-saħħa. Dan huwa sabiex jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti li jippjanaw kif għandhom jużaw ir-riżorsi disponibbli tagħhom għall-finanzjament tas-servizzi tas-saħħa fl-istadju inizjali fejn jiġu evalwati r-riżorsi, id-demografija, l-infrastruttura, l-użu tat-tagħmir u l-persunal. Għaldaqstant, il-proċedura tal-awtorizzazzjoni minn qabel tippermetti lill-awtoritajiet Franċiżi li jindirizzaw aħjar il-kwistjoni ġenerali tal-allokazzjoni tar-riżorsi għas-servizz tas-saħħa kif ukoll sabiex imexxu aspett partikolari ta' dak is-servizz, (jiġifieri, l-effetti tal-migrazzjoni tal-pazjent fuq is-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali).

66. Il-kunsiderazzjonijiet imperattivi li kapaċi jiġġustifikaw restrizzjoni bħal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel huma bbażati fuq il-bżonn għal awtoritajiet nazzjonali li jippjanaw l-użu tar-riżorsi tagħhom għal sigurtà soċjali u kura tas-saħħa sabiex jiksbu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika [50]. Huwa dan li hu kruċjali għall-evalwazzjoni ta' jekk awtorizzazzjoni minn qabel hijiex ġustifikata, iżjed milli jekk il-kura li tuża tagħmir mediku ta' importanza ewlenija tingħatax fi sptar jew le.

67. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet li hu diffiċli li ssir distinzjoni bejn servizzi mediċi fi sptar u servizzi mediċi barra sptar. Pereżempju, ċerti servizzi pprovduti fi sptar jistgħu wkoll jiġu pprovduti fi klinika, ċentru tas-saħħa jew fi klinika ta' tabib tal-familja [51].

48 — L-awtoritajiet Franċiżi qalu li, hemm 20 PET skaners installati fi Franza. L-ispiża tax-xiri ta' kull magna hi madwar EUR 2.6 miljun, l-ispejjeż tal-installazzjoni huma madwar EUR 800 000 għal kull magna u l-ispejjeż operattivi annwali madwar EUR 1.5 miljun. Kull eżami, li jieħu madwar siegħa, jiswa madwar EUR 1 200.

49 — Imsemmija iktar 'il fuq fil-punt 20.

50 — Sentenza Smits u Peerbooms, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 76.

51 — Sentenza tat-13 ta' Mejju 2003, Müller-Fauré u van Riet (C-385/99, Ġabra p. I-4509, punt 75.

68. Jista' jkun hemm ukoll differenzi bejn Stati Membri dwar id-definizzjoni ta' servizzi mediċi fi sptar u servizzi mediċi mhux fi sptar. Il-materjal imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża juri li hemm, pereżempju, dawn id-differenzi bejn Franza u r-Renju Unit fir-rigward tal-lokalità tal-iskaners PET [52]. Fil-fatt, il-Kummissjoni tirrikonoxxi fil-proposta tagħha [53] li ma hemmx definizzjoni konsistenti ta' x'jikkostitwixxi servizzi mediċi fi sptar (kura medika fi sptar) fis-sistemi tas-saħħa differenti tal-UE [54].

69. Għaldaqstant, ma nqisx li l-post fejn jingħata s-servizz mediku jista' jkun fattur determinanti ta' jekk rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel jistax jiġi oġġettivament iġġustifikat.

70. Il-Gvern Franċiż u l-Gvern Finlandiż ikomplu jibbażaw ruħhom fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Hartlauer [55]. Iż-żewġ Gvernijiet isostnu li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dak il-każ (li l-ippjanar li jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel għat-twaqqif ta' forniturі ġodda tas-servizzi outpatient jista' jkun indispensabbli sabiex tiġi żgurata kura medika adattata għall-bżonnijiet tal-popolazzjoni) għandha tiġi applikata f'din il-kawża.

71. Is-sentenza Hartlauer kienet tikkonċerna kumpannija Ġermaniża li riedet tiftaħ klinika dentali privata fl-Awstrija. Id-domanda magħmulha lill-Qorti tal-Ġustizzja kienet tirrikjedi kunsiderazzjoni ta' jekk l-Artikoli 43 KE u 48 KE kinux jipprekludu l-leġiżlazzjoni nazzjonali milli tagħmel it-twaqqif ta' istituzzjoni tas-saħħa bħal klinika dentali outpatient indipendenti suġġett għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-istabbilimenti li jipprovdu l-kura outpatient, bħal kliniċi tat-tobba u kliniċi outpatient jistgħu, bħal l-isptarijiet, jkunu s-suġġett ta' pjan. Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet: "ippjanar li jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel għall-installazzjoni ta' persuni ġodda li jipprovdu l-kura, jista' jirriżulta bħala indispensabbli sabiex tingħalaq kwalunkwe lakuna potenzjali

52 — Fir-Renju Unit, hemm madwar 20 PET skaners li huma użati sabiex jitrattaw il-pazjenti u 3 skaners oħra li huma użati għal skopijiet ta' riċerka. Madankollu, b'differenza għall-pożizzjoni fi Franza (ara iktar 'il fuq in-nota ta' qiegħ il-paġna 48), dawk l-iskaners kollha jinsabu f'ambjent ta' sptar. Hemm ukoll sitt skaners mobbli li għandhom jiġu installati fi sptar sabiex jiġu użati.

53 — COM(2008) 414 finali, iċċitata fil-punt 7.3 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni. Ara wkoll il-premessa 30 u l-Artikolu 8(2) tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni.

54 — Fil-proposta oriġinali tagħha (punt 7.3 fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni), il-Kummissjoni qalet: "L-aktar tifsira qariba għal kura fl-isptar li hija użata ta' spiss hija dik ta' kura residenzjali għal pazjent (li tfisser kura li teħtieġ li l-pazjent jibqa' fl-isptar jew fil-klinika għal mill-anqas lejl wieħed). Għal din ir-raġuni, l-Artikolu 8(1) jintroduċi tifsira Komunitarja minima ta' kura fl-isptar fuq din il-bażi. Madankollu, jista' jkun xieraq li jitqiesu wkoll bħala kura fl-isptar xi tipi oħra ta' trattament bħala kura fl-isptar, jekk din il-kura teħtieġ l-użu ta' infrastruttura medika jew tagħmir mediku speċjalizzati jew għoljin ħafna jew tinvolvi kura ta' riskju partikolari għall-pazjent jew għall-popolazzjoni. L-Artikolu 8(1) għalhekk jistipula wkoll li l-Kummissjoni tfisser b'mod speċifiku lista teknika ta' trattamenti bħal dawn li tkun aġġornata regolarment."

55 — Sentenza tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer (C-169/07, Ġabra p. I-1721).

fl-aċċess għall-kura outpatient u sabiex jiġi evitat il-ftuħ ta' strutturi li jagħmlu xogħol doppju, b'tali mod li jiġi żgurat li jkun hemm kura medika li tadatta ruħha għall-bżonnijiet tal-popolazzjoni, tkopri t-territorju kollu u tikkunsidra r-reġjuni ġeografikament iżolati jew żvantaġġjati b'xi mod ieħor" [56].

72. Din il-kawża hi differenti minn Hartlauer inkwantu tikkonċerna l-libertà li jiġu rċevuti s-servizzi iżjed milli l-libertà tal-istabbiliment.

73. Ma nsibx oġġezzjoni li naċċetta li ma jkunx xieraq li jiġi permess li awtorizzazzjoni minn qabel tiġi applikata għall-għoti jew irriċeviment ta' servizzi mediċi li jirrikjedu l-użu ta' tagħmir standard li hu relattivament mhux għoli. Madankollu, it-tagħmir mediku ta' importanza ewlenija involut f'dawn il-proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu hu ferm differenti minn (pereżempju) magna tar-raġġi-x ordinarja. Dan it-tagħmir hu ġenerikament differenti mit-tagħmir li jinstab fi klinika (mgħammra tajjeb) ta' tabib tal-familja. Iqum ħafna flus biex jinkiseb. Jista' jkun ikun hemm bżonn li jiġi nstallat f'ambjent speċifiku. Jista' jkun meħtieġ ukoll li jintuża u jiġi mantnut minn persunal kwalifikat u mħarreġ kif xieraq.

56 — Sentenza Hartlauer, punti 51 u 52.

74. Jidhirli, min-naħa waħda, l-akkwist, it-tqegħid u l-użu ta' dan it-tagħmir jinvolvi kunsiderazzjonijiet ta' ppjanar simili għal dawk li japplikaw għal servizzi ta' sptar. Min-naħa l-oħra, preċiżament minħabba l-fatt li l-ispiża meħtieġa sabiex tiffinanzja dan l-akkwist hi tant għolja, il-kwistjonijiet wara l-provvista tas-servizz jistgħu faċilment jiġu mqabbla ma' dawk involuti fil-libertà ta' stabbiliment; u s-sentenza Hartlauer tista' raġonevolment tiġi applikata b'analoġija. Irrispettivament mill-approċċ li jiġi adottat, il-ġustifikazzjoni essenzjali għar-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni minn qabel hi l-istess. L-abbiltà li jiġu evalwati l-ispejjeż tan-nefqa fid-dawl tar-riżorsi limitati hi kruċjali għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' x'għandu jkun jikkostitwixxi għoti xieraq ta' kura medika, sabiex jinżamm il-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali u jinżamm servizz mediku u ta' sptar ta' kwalità aċċessibbli għal kulħadd.

75. Għaldaqstant, naċċetta li r-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni minn qabel hu, bħala prinċipju, ġustifikat.

Proporzjonalità

76. Meta r-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel jkun jista' jiġi ġġustifikat skont dawn il-kunsiderazzjonijiet imperattivi, xorta waħda jkun meħtieġ li jiġi evalwat jekk dan ir-rekwiżit huwiex wieħed proporzjonali: jiġifieri li jiġi żgurat li ma jaqbiżx dak li hu

oġġettivament neċessarju għal dak il-għan u li l-istess riżultat ma jkunx jista' jinkiseb b'regoli inqas restrittivi [57].

77. L-awtoritajiet Franċiżi llimitaw ir-rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel għal lista ristretta ta' tagħmir, imsemmi fl-Artikolu R.6122-26 tal-Kodiċi dwar is-Saħħa Pubblika. L-Artikolu R.332-4 tal-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali jkompli jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għandhom jintlaħqu jekk tiġi miċħuda l-awtorizzazzjoni minn qabel u jiżgura li dawn id-deċiżjonijiet huma suġġetti għal dritt ta' appell. Għaldaqstant, bħala prinċipju, il-leġiżlazzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu oġġettivament meħtieġ u l-istess riżultat ma jistax jinkiseb b'regoli inqas ristrettivi.

78. Fil-fehema tiegħi, il-preżenza tal-maġġoranza ta' dawn l-elementi, jekk mhux l-elementi kollha kemm huma tissuġġerixxi li rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel *huwa* proporzjonali fir-rigward tal-użu ta' tagħmir mediku speċifiku għall-provvista ta' servizzi mediċi mhux fi sptar.

57 — Sentenzi tal-4 ta' Diċembru 1986, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-205/84, Ġabra p. I-3755, punti 27 u 29); tas-26 ta' Frar 1991, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-180/89, Ġabra p. I-709, punti 17 u 18); tal-20 ta' Mejju 1992, Ramrath (C-106/91, Ġabra p. I-3351, punti 30 u 31; Smits u Peerbooms, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 75; u Watts, (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 106).

79. L-ewwel nett, l-ispiża kapitali tat-tagħmir inkwistjoni aktarx li tkun kunsiderevoli, u tirrikjedi investiment sostanzjali mill-awtoritajiet kompetenti. It-tieni nett, l-ispejjeż operattivi jistgħu jkunu sinjifikanti biżżejjed li jkunu jirrikjedu dispożizzjoni separata fil-baġit rilevanti. It-tielet nett, it-tagħmir inkwistjoni aktarx li jkun tagħmir speċjalizzat, jiġifieri tagħmir li hu dedikat għal proċedura medika partikolari jew għal tip ta' analiżi (normalment, elaborati). Ir-raba' nett, aktarx li jkun tagħmir li hu użat biss wara li l-pazjent ikun għadda minn xi forma ta' proċess ta' skrinjar preliminari, iżjed milli tagħmir li hu użat bħala rutina għal dijanjożi u/jew kura tal-ewwel stadju. Il-ħames nett, it-tagħmir jista' jkun jirrikjedi persunal imħarreġ kif xieraq sabiex jinstallah, jieħu ħsiebu u jħaddmu.

80. F'dawn iċ-ċirkustanzi, x'jingħad għat-tagħmir imsemmi fl-Artikolu R.6122-26 tal-Kodiċi dwar is-Saħħa Pubblika, li jifforma parti mis-suġġett ta' din il-kawża?

81. Jidhirli li l-awtoritajiet Franċiżi stabbilixxew li l-iskaners PET huma tagħmir mediku ta' importanza ewlenija. Dawn huma oġġetti għoljin ta' makkinarju speċjalizzat li għandhom bżonn jiġu użati minn persunal imħarreġ kwalifikat. Il-pazjenti jirrikjedu xi forma ta' evalwazzjoni medika qabel ma jiġu suġġettati għal skan. Inqis li hu proporzjonali li r-rimbors tal-ispejjeż tal-provvista

tas-servizz li jinvolvi l-użu ta' skaners PET ikun suġġett għar-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

82. Il-Kummissjoni ma qalitx b'liema mod l-oġġetti l-oħra mniżżla ma humiex tagħmir mediku ta' importanza ewlenija li l-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' tagħmir li jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel hi proporzjonali [58]. Għaldaqstant, ma ġiet preżentata l-ebda informazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja li permezz tagħha tista' tiddeċiedi li dawk l-oġġetti ma għandhomx jiġu inklużi fil-lista.

83. Filwaqt li hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru, meta jitqajjem dubju dwar il-proporzjonalità ta' miżura partikolari, li jispjega għaliex dik il-miżura hi fil-fatt proporzjonali, dan l-oneru jaqa' fuq l-Istat Membru biss meta jkunu tqajmu dawn id-dubji. Madankollu, f'din il-kawża, ma jistax ikun mistenni li Franza twieġeb għal argument li ma tqajjimx quddiemha. Għaldaqstant, nikkonkludi li, f'din il-kawża, ma hemmx raġunijiet sabiex nikkonstata li r-rekwiżit għall-awtorizzazzjoni minn qabel fir-rigward tar-rimbors għal servizzi provduti bl-użu tal-oġġetti tat-tagħmir mediku ta' importanza ewlenija li jifdal fil-lista tal-Artikolu R.6122-26 tal-Kodiċi dwar is-Saħħa Pubblika ma huwiex proporzjonali [59].

84. Konsegwentement, l-Artikolu R.332-4 tal-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali, li jagħmel ir-rimbors għal servizzi mediċi mhux fi sptar li jirrikjedu l-użu tat-tagħmir mediku ta' importanza ewlenija mniżżel fl-Artikolu R.6122-26 tal-Kodiċi dwar is-Saħħa Pubblika suġġett għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel, huwa oġġettivament iġġustifikat.

85. Għaldaqstant, l-ewwel ilment tal-Kummissjoni, għandu jiġi miċħud ukoll.

58 — Apparat tal-immaġni jew ta' spettrometrija tar-reżonanza manjetika nukleari għal użu kliniku; skaner mediku, kamra iperbarika u ċ-ċiklotron għal użu mediku.

59 — Sentenza Watts, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 106 u l-ġurisprudenza ċċitata.

Konklużjoni

86. Għal dawn il-motivi, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad ir-rikors, u (kif mitlub minn Franza u skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja) tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.